



Mistoqsijiet issuggeriti dwar it-tagħlim imħallat

Mistoqsijiet issuggeriti dwar it-tagħlim imħallat

F’dan id-dokument tista’ ssib xi mistoqsijiet li jistgħu jgħinu lill-komunità tal-iskola tiegħek tirrifletti dwar l-użu tat-teknoloġiji diġitali f’it-tagħlim imħallat. Jekk trid iżżid xi wħud minn dawn il-mistoqsijiet mal-kwestjonarju tista’ tikkopjahom u tippejstjahom fit-taqsimha “Id-dikjarazzjonijiet tiegħek stess” minn “Ippersonalizza l-kwestjonarju”.

| Titlu tal-oġġett | KAPIJET TAL-ISKOLA | GĦALLIEMA | ISTUDENTI |
|--|---|--|--|
| L-użu effiċjenti ta’ Ambjenti ta’ Apprendiment Virtwali | <p>Hemm pjattaforma diġitali ċentrali jew spazju online fejn l-istudenti jistgħu jikkomunikaw mal-għalliema tagħhom u jsibu l-assignments, l-attivitajiet, l-iskeda u r-riżorsi</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-iskola tiegħek, tuża Ambjent ta’ Apprendiment Virtwali jew Sistema għall-Ġestjoni tal-Kontenut b’mod organizzat tajjeb u aġġornat biex tgħin l-interazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti. L-istudenti jistgħu jiġu diretti minn hawnhekk lejn software u riżorsi oħra</p> | <p>Hemm pjattaforma diġitali ċentrali jew spazju online fejn l-istudenti jistgħu jinnavigaw għall-assignments, l-attivitajiet, l-iskeda u r-riżorsi tagħhom u jikkomunikaw miegħi</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, tuża Ambjent ta’ Apprendiment Virtwali jew Sistema għall-Ġestjoni tal-Kontenut b’mod organizzat tajjeb u aġġornat biex tgħin in-navigazzjoni, l-interazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti. L-istudenti jistgħu jiġu diretti minn hawnhekk lejn software u riżorsi oħra</p> | <p>Hemm spazju online fejn nista’ nsib l-assignments, l-attivitajiet, l-iskeda u r-riżorsi tiegħi u nikkomunika mal-għalliema tiegħi</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, fl-iskola tiegħek hemm spazju online li huwa organizzat tajjeb u miżmum aġġornat b’tali mod li tista’ ssib l-assignments, l-iskeda u r-riżorsi u tikkomunika mal-għalliema tiegħek</p> |
| Immaniġġjar tal-ħin | <p>Fl-iskola tagħna, l-istudenti jitgħallmu kif jimmaniġġjaw il-ħin tagħhom billi jużaw it-teknoloġiji diġitali</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-istudenti għandhom l-opportunitajiet li jitgħallmu kif jimmaniġġjaw il-ħin tagħhom - kemm l-iskola kif ukoll id-dar - bl-użu ta’ teknoloġiji diġitali bħal kalendarji komuni, jew għodod għall-ippjanar sabiex jistabbilixxu skeda għax-xogħol, jieħdu l-pawżi, jimmaniġġjaw il-ħin fuq l-iskrin u jevitaw id-distrazzjonijiet.</p> | <p>Fl-iskola tagħna, l-istudenti jitgħallmu kif jimmaniġġjaw il-ħin tagħhom billi jużaw it-teknoloġiji diġitali</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-istudenti għandhom l-opportunitajiet li jitgħallmu kif jimmaniġġjaw il-ħin tagħhom - kemm l-iskola kif ukoll id-dar - bl-użu ta’ teknoloġiji diġitali bħal kalendarji komuni, jew għodod għall-ippjanar sabiex jistabbilixxu skeda għax-xogħol, jieħdu l-pawżi, jimmaniġġjaw il-ħin fuq l-iskrin u jevitaw id-distrazzjonijiet.</p> | <p>Fl-iskola tagħna, aħna nitgħallmu kif nimmaniġġjaw il-ħin tagħna billi nużaw it-teknoloġiji diġitali</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, għandek l-opportunitajiet li titgħallim kif tuża l-kalendarji komuni u l-għodod għall-ippjanar tal-kompiti sabiex tistabbilixxi skeda għax-xogħol tal-iskola tiegħek, tiegħu l-pawżi, timmaniġġja l-ħin fuq l-iskrin u tevita d-distrazzjonijiet għax-xogħol tiegħek kemm l-iskola kif ukoll id-dar</p> |

| Titlu tal-oġġett | KAPIJET TAL-ISKOLA | GĦALLIEMA | ISTUDENTI |
|--|---|--|--|
| <p>APPRENDIMENT AWTONOMU: Nistaqsu għall-għajnuna fl-apprendiment</p> | <p>Fl-iskejjel tagħna, l-istudenti jitgħallmu kif jużaw it-teknoloġiji diġitali biex jistaqsu għall-għajnuna meta jkollhom diffikultajiet fl-apprendiment tagħhom</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-istudenti jitgħallmu kif jużaw it-teknoloġiji diġitali (posta elettronika, chat, posts, kummenti) biex jistaqsu għall-għajnuna fl-apprendiment tagħhom: eż. x'inhi l-għodda adattata li għandhom jużaw kull darba, kif jistaqsu l-mistoqsija t-tajba, lil min jistaqsu</p> | <p>Fl-iskejjel tagħna, l-istudenti jitgħallmu kif jużaw it-teknoloġiji diġitali biex jistaqsu għall-għajnuna meta jkollhom diffikultajiet fl-apprendiment tagħhom</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-istudenti jitgħallmu kif jużaw it-teknoloġiji diġitali (posta elettronika, chat, posts, kummenti) biex jistaqsu għall-għajnuna fl-apprendiment tagħhom: eż. x'inhi l-għodda adattata li għandhom jużaw kull darba, kif jistaqsu l-mistoqsija t-tajba, lil min jistaqsu</p> | <p>Fl-iskola tagħna, aħna nitgħallmu kif nużaw it-teknoloġiji diġitali biex nistaqsu għall-għajnuna meta jkollna diffikultajiet fl-apprendiment tagħna</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, inti titgħallmu kif tuża t-teknoloġiji diġitali ssuġġeriti mill-iskola tiegħek (posta elettronika, chat, posts, kummenti eċċ) sabiex tistaqsi għall-għajnuna meta ssib diffikultajiet fl-apprendiment tiegħek: eż. titgħallmu x'inhi l-għodda adattata li għandek tuża, lil min tistaqsi, kif tistaqsi l-mistoqsija t-tajba.</p> |
| <p>APPRENDIMENT AWTONOMU: Nistaqsu għall-għajnuna fit-teknoloġija</p> | <p>Fl-iskola tagħna, l-istudenti jitgħallmu jużaw it-teknoloġiji diġitali biex jistaqsu għall-għajnuna meta jiltaqgħu ma' diffikultajiet fis-software/fl-apps li jużaw l-għalliema tagħhom</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-istudenti jitgħallmu kif jużaw it-teknoloġiji diġitali (posta elettronika, chat, posts, kummenti) biex jistaqsu għall-għajnuna meta dawn jużaw software jew apps għall-apprendiment tagħhom. Dan jista' jinkludi: kif jiddeskrivu l-problema, x'inhu l-mezz it-tajjeb li għandhom jużaw, kif jindikaw is-serjetà jew l-urġenza tal-kwistjoni.</p> | <p>Fl-iskola tagħna, l-istudenti jitgħallmu kif jużaw it-teknoloġiji diġitali biex jistaqsu għall-għajnuna meta jiltaqgħu ma' diffikultajiet fl-użu tas-software/tal-apps li jiena nuża</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-istudenti jitgħallmu kif jużaw it-teknoloġiji diġitali (posta elettronika, chat, posts, kummenti) biex jistaqsu għall-għajnuna meta dawn jużaw software jew apps għall-apprendiment tagħhom. Dan jista' jinkludi: kif jiddeskrivu l-problema, x'inhu l-mezz it-tajjeb li għandhom jużaw, kif jindikaw is-serjetà jew l-urġenza tal-kwistjoni.</p> | <p>Fl-iskola tagħna, nitgħallmu kif nuża l-għodod diġitali biex nistaqsi għall-għajnuna meta jkollni diffikultà nuża s-software/l-apps li juża l-għalliem tiegħi</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, inti titgħallmu kif tuża t-teknoloġiji diġitali ssuġġeriti mill-iskola tiegħek (posta elettronika, chat, posts, kummenti) biex tistaqsi għall-għajnuna meta tiltaqa' ma' diffikultajiet fl-użu tas-software/tal-apps li jkun qed juża l-għalliem tiegħek. Dan ifisser li titgħallmu dwar kif tiddeskrivi l-problema, x'inhu l-mezz it-tajjeb li għandek tuża, kif tindika s-serjetà jew l-urġenza tal-kwistjoni.</p> |

| Titlu tal-oġġett | KAPIJET TAL-ISKOLA | GĦALLIEMA | ISTUDENTI |
|---|---|--|--|
| <p>APPRENDIMENT AWTONOMU: Reżiljenza</p> | <p>Fl-iskola tagħna, l-għalliema jużaw l-għodod diġitali biex jgħinu lill-istudenti jittrattaw l-isfidi u d-diffikultajiet li jiffaċċjaw waqt l-apprendiment</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-għalliema jużaw għodod diġitali bħal simulazzjonijiet, logħob diġitali, diskussjonijiet online eċċ biex jitgħallmu kif jitgħallmu (eż. kif jittrattaw u jsewwu l-iżbalji, jindirizzaw biċċa xogħol iebes, id-diżappunt u l-istress, jikkategorizzaw il-kompiti u jimmaniġġjaw il-ħin)</p> | <p>Jiena nuża l-għodod diġitali biex ngħin lill-istudenti jitgħallmu kif jittrattaw l-isfidi u d-diffikultajiet li jiffaċċjaw meta jitgħallmu</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, tuża għodod diġitali bħal simulazzjonijiet, logħob diġitali eċċ., biex tgħallmu lill-istudenti tiegħek jitgħallmu kif jitgħallmu (eż. kif jittrattaw u jikkoreġu l-iżbalji, jindirizzaw biċċa xogħol iebes, id-diżappunt u l-istress, jikkategorizzaw il-kompiti u jimmaniġġjaw il-ħin)</p> | <p>Jiena nuża l-għodod diġitali li jgħinuni nittratta l-isfidi u d-diffikultajiet li niffaċċja waqt li nkun qed nitgħallem</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, inti tuża għodod diġitali tal-iskola bħal simulazzjonijiet, logħob diġitali, eċċ. li jgħinuk titgħallem kif titgħallem (eż. kif tittratta u tikkoreġi l-iżbalji, tindirizza biċċa xogħol iebes, id-diżappunt u l-istress, tikkategorizza l-kompiti u timmaniġġja l-ħin)</p> |
| <p>“Flipped classroom”</p> | <p>Fl-iskola tagħna, l-għalliema jipprovdu lill-istudenti materjal online li jintroduċi suġġetti ġodda, sabiex jużaw il-ħin tal-klassi għal attivitajiet interattivi</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-għalliema jintroduċu suġġetti ġodda lill-istudenti billi jipprovduhom riżorsi online (eż. simulazzjonijiet b'vidjo(s) ta' taġħlim qosra, testi, podcasts u dimostrazzjonijiet prattiċi) biex jippreparaw minn qabel sabiex il-ħin tal-klassi (fil-bini tal-iskola u/jew online) jintuża għal diskussjonijiet, attivitajiet li jinvolvu s-soluzzjoni tal-problemi, xogħol fuq proġett eċċ.</p> | <p>Jiena nipprovi lill-istudenti materjal online li jintroduċi suġġetti ġodda, sabiex nuża l-ħin tal-klassi għal attivitajiet interattivi</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, inti tintroduċi suġġetti ġodda għall-istudenti tiegħek billi tipprovdihom riżorsi online (eż. vidjo ta' taġħlim qasir, informazzjoni rilevanti oħra u diversi dimostrazzjonijiet ta' prattiki applikati) biex tipprepara minn qabel sabiex il-ħin tal-klassi (fil-bini tal-iskola u/jew online) jintuża għal diskussjonijiet, attivitajiet li jinvolvu s-soluzzjoni tal-problemi, xogħol fuq proġett eċċ.</p> | <p>L-għalliema tagħna jipprovdu materjal online dwar suġġetti ġodda biex nipprepara qabel il-klassi u nużaw il-ħin tal-klassi għal diskussjoni, xogħol fi gruppi eċċ.</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-għalliema tiegħek jintroduċu suġġetti ġodda billi jagħtuk riżorsi online bħal preżentazzjonijiet qosra bil-vidjo, informazzjoni online bl-eżempji eċċ., biex tistudja u tipprepara minn qabel, sabiex matul il-ħin tal-klassi (fil-bini tal-iskola u/jew online) inti tipparteċipa f'attivitajiet ma' sħabek tal-klassi (eż. diskussjonijiet, xogħol fuq proġett)</p> |

| Titlu tal-oġġett | KAPIJET TAL-ISKOLA | GĦALLIEMA | ISTUDENTI |
|--|---|---|-----------|
| <p>L-għalliema jitgħallmu jsolvu kwistjonijiet tekniċi</p> | <p>Aħna nappoġġjaw lill-għalliema biex jitgħallmu kif isolvu l-problemi tekniċi bażiċi meta jużaw it-teknoloġiji diġitali</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, inti tipprovdi lill-għalliema opportunitajiet biex jitgħallmu kif jidentifikaw problemi tekniċi komuni (eż. l-identifikazzjoni ta' problemi bil-konnettività, ħoss ma jaħdimx, diffikultajiet fl-aċċess għal Ambjenti ta' Apprendiment Virtwali) u jsolvuhom billi jistaqsu lil għalliema jew studenti oħra jew billi jużaw struzzjonijiet li jsibu online</p> | <p>L-iskola tagħna tappoġġjana biex nitgħallmu kif isolvu l-problemi tekniċi bażiċi meta nużaw it-teknoloġiji diġitali</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-iskola tiegħek tipprovdi opportunitajiet biex titgħallmu kif tidentifika problemi tekniċi komuni (eż. problemi bil-konnettività, ħoss ma jaħdmix, diffikultajiet fl-aċċess għal VLE) u ssolvihom billi tistaqsi lil għalliema oħra jew lill-istudenti tagħhom jew billi tuża struzzjonijiet li ssib online</p> | |
| <p>"Taħriġ intern Kwistjonijiet teknoloġiċi "</p> | <p>Fl-iskola tagħna, aħna norganizzaw taħriġ għall-għalliema tagħna dwar it-teknoloġija użata biex jiġu appoġġjati t-tagħlim u l-apprendiment mill-bogħod (inklużi l-approċċi għall-edukazzjoni mill-bogħod, online u mħallta)</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-iskola tiegħek torganizza taħriġ għall-għalliema tiegħek dwar kif jużaw software bħal posta elettronika, software għall-konferenzi bil-vidjo, Ambjenti ta' Apprendiment Virtwali, għodod web 2.0, il-ħolqien ta' riżorsi online u software bbażat fuq cloud</p> | <p>Fl-iskola tagħna, aħna norganizzaw taħriġ għall-għalliema tagħna dwar it-teknoloġija użata biex jiġu appoġġjati t-tagħlim u l-apprendiment mill-bogħod (inklużi l-approċċi għall-edukazzjoni mill-bogħod, online u mħallta)</p> <p>Agħżel 5, biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-iskola tiegħek torganizza taħriġ għall-għalliema tiegħek dwar kif jużaw software bħal posta elettronika, software għall-konferenzi bil-vidjo, Ambjenti ta' Apprendiment Virtwali, għodod web 2.0 u software bbażat fuq cloud</p> | |

| Titlu tal-oġġett | KAPIJET TAL-ISKOLA | GĦALLIEMA | ISTUDENTI |
|--|---|---|-----------|
| Taħriġ intern Sfidi pedagoġiċi | <p>Fl-iskola tagħna norganizzaw taħriġ għall-għalliema tagħna, u nappoġġjawhom biex jiffokaw fuq l-aspetti pedagoġiċi dwarit-tagħlim imħallat(inklużi l-approċċi għall-edukazzjoni mill-bogħod, online u mħallta)</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-iskola tiegħek torganizza taħriġ għall-għalliema tiegħek li jiffoka fuq l-isfidi pedagoġiċi dwarit-tagħlim imħallat(eż. kif l-istudenti jiġu mmotivati u involuti, meta u kif jintuża tagħlim sinkroniku u mhux sinkroniku, kif jiġu appoġġjati l-familji u l-istudenti)</p> | <p>L-iskola tagħna torganizza taħriġ għall-għalliema, billi tappoġġjahom biex jindirizzaw l-aspetti pedagoġiċi dwarit-tagħlim imħallat(inklużi l-approċċi għall-edukazzjoni mill-bogħod, online u mħallta)</p> <p>Agħżel 5 biss jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-iskola tiegħek torganizza taħriġ għalik li jiffoka fuq l-isfidi pedagoġiċi dwarit-tagħlim imħallat(eż. kif l-istudenti jiġu mmotivati u involuti, meta u kif jintuża tagħlim sinkroniku u mhux sinkroniku, kif jiġu appoġġjati l-familji u l-istudenti)</p> | |
| Kollaborazzjoni tal-għalliema fuq ir-riżorsi | <p>Fl-iskejjel tagħna, l-għalliema jikkollaboraw biex joħolqu repożitorju ta' riżorsi online komuni</p> <p>Agħżel 5 jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-għalliema fl-iskola tiegħek jaħdmu flimkien biex jippjanaw u joħolqu repożitorju ta' riżorsi online</p> | <p>Fl-iskola tagħna, jiena nikkollabora biex noħloq repożitorju ta' riżorsi online komuni</p> <p>Agħżel 5 jekk, fl-opinjoni tiegħek, fl-iskola tiegħek, inti taħdem flimkien mal-kollegi tiegħek biex toħloq repożitorju ta' riżorsi online komuni</p> | |
| Il-qsim u l-użu mill-ġdid tar-riżorsi | <p>Fl-iskola tagħna, hemm repożitorju ta' riżorsi online li l-għalliema jistgħu jużaw, iżidu magħhom, jaqsmu u jużaw mill-ġdid</p> <p>Agħżel 5 jekk, fl-opinjoni tiegħek, fl-iskola tiegħek hemm repożitorju ta' riżorsi online li l-għalliema jistgħu jużaw, iżidu magħhom, jaqsmu bejniethom u jużaw mill-ġdid għat-tagħlim tagħhom</p> | <p>Fl-iskola tagħna, hemm repożitorju ta' riżorsi online li jiena nista' nuża, inżid magħhom, naqsam u nuża mill-ġdid</p> <p>Agħżel 5 jekk, fl-opinjoni tiegħek, fl-iskola tiegħek hemm repożitorju ta' riżorsi online li aħna nistgħu nużaw, inżidu magħhom, naqsmu bejniethom u nużaw mill-ġdid għat-tagħlim tagħna</p> | |

| Titlu tal-oġġett | KAPIJET TAL-ISKOLA | GĦALLIEMA | ISTUDENTI |
|---|---|---|-----------|
| L-aċċess tal-għalliema għall-infrastruttura | <p>L-iskola tagħna tipprovdi infrastruttura għat-tagħlim (apparati diġitali, konnessjoni mal-internet) u l-għalliema jistgħu jaċċessawha meta jkun meħtieġ</p> <p>Agħżel 5 jekk, fl-opinjoni tiegħek, fl-iskola tiegħek, inti tappoġġja lill-għalliema biex jaċċessaw it-tagħmir li jeħtieġu għat-tagħlim billi tipprovdlhom, pereżempju: apparati li jistgħu jieħdu d-dar, konnessjoni veloċi mal-internet, aċċess għall-bini tal-iskola u l-infrastruttura</p> | <p>L-iskola tagħna tipprovdi infrastruttura għat-tagħlim (apparati diġitali, konnessjoni mal-internet) u jiena nista' naċċessaha meta jkolli bżonn</p> <p>Agħżel 5 jekk, fl-opinjoni tiegħek, l-iskola tiegħek tappoġġjak biex taċċessa t-tagħmir li teħtieġ għat-tagħlim billi tipprovdulek, pereżempju: apparati li tista' tieħu d-dar, konnessjoni veloċi mal-internet, aċċess għall-bini tal-iskola u l-infrastruttura</p> | |